**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**
**Vs**
**Guzeppi Borg**

Kumpilazzjoni Numru: 1174/2011

Illum 15 ta' Settembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Guzeppi Borg** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 745540M:

Talli f'Novembru 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposiżżjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, personalment u/jew fil-kapaċita' tiegħu bħala kunsillier, u/jew membru fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), għad-dannu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawwar bi profit ghalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), għad-dannu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern ta' Malta, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga, jew servizz tiegħu;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi billi ta ordni lil ħaddiehor biex jagħmel delitt, jew ġiegħel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, maniġġi jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkommetta tali reati, filwaqt li kienet uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti ntalbet sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju mibgħuta mill-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 293, 294, 310 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 42, 188 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 141, 190 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-kaz tiegħu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkużat li fis-snin indikati fl-akkuża huwa kkommetta r-reati ta' frodi, approprjazzjoni indebita u li kien kompliċi f'dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz f'dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika.

L-imputat tħarrek f'ismu personali kif ukoll fil-kapacita' tiegħu bhala kunsillier, u/jew membru tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Illi l-fatti u dak li ta lok għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- L-imputat kien elett Sindku fil-kunsill lokali tal-Mellieħa fl-20 ta' Novembru 1993 u baqa' jiġi elett kunsillier u jew Sindku tal-istess lokalita' sal-31 ta' Marzu 2008[1].

- Malta saret membru sħiħ tal-Unjoni Ewropeja fl-1 ta' Mejju tas-sena 2004.

- Mid-dokumentazzjoni preżentata minn Jimmy Magro[2] jirriżulta li l-imputat ġie elett bħala membru sostitut fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli

[1] Dok AV ippreżentat minn Angele Vella fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011

Lokali fis-26 ta' Novembru 1996 sas-27 ta' Novembru 1998. Ġie elett Viċi-President fit-28 ta' Novembru 1998 sat-30 ta' Novembru 2001, kif ukoll okkupa l-istess kariga mill-1 ta' Diċembru 2001 sas-6 ta' Ottubru 2006.

❖ Mix-xhieda ta' Dr Ian Micallef[3] jirriżulta li x-xogħol tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Kumitat tar-Regjuni (invista li Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea) sploda. Kien ikun hemm ħafna laqgħat barra minn Malta u inoltre kien hemm ukoll ħtieġa li jkun appuntat ko-ordinatur nazzjonali u dan fisser ħafna xogħol aktar milli s-segretarju eżekuttiv diga' kellu billi kien is-segretarju eżekuttiv li kien appuntat bħala ko-ordinatur nazzjonali. Dr Micallef jixhed ukoll li bl-allokazzjoni ta' flus li kellhom mill-Gvern Ċentrali, l-Assoċjazzjoni ma setgħetx timpjega persuna oħra u għalkemm il-Gvern kien ippropona li minn Dar Malta fi Brussell xi ħadd jassisti lid-delegazzjoni Maltija dan fil-fatt qatt ma seħħ.

❖ Jirriżulta wkoll, partikolarment mill-minuti tal-laqgħat tal-Assoċjazzjoni eżebiti, li x-xogħol u s-safar kien żdied ħafna. Oltre dan jirriżulta wkoll li kien hemm tħassib mill-membri tal-eżekuttuv tal-Assoċjazzjoni dwar il-finanzi tal-istess Assoċjazzjoni għal diversi raġunijiet iżda r-raġuni tas-safar kienet waħda rikorrenti.

❖ Jirrizulta wkoll fis-sena 2003 kien ġie deċiż li jinħareġ tender sabiex ikun hemm aġenzija li tieħu ħsieb ix-xiri tal-biljetti ghall-ivvjaġġar. Din it-tender intrebħet minn KD Travel Services Limited. Ġie ffirmat ftehim bejn iż-żewg partijiet konċernati w allura x-xiri tal-biljetti tal-ajru bdew isiru minn KD Travel Services Limited.

❖ Jirriżulta li għal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tas-6 ta' Gunju 2005 li għaliha kienu preżenti Ian Micallef, Joseph Borg, Claudette Abela Baldacchinio, Doris Borg u Noel Formosa tniżżel is-segwenti fil-minuti:

*Il-President irrapporta illi wara l-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern għall-provvista ta' biljetti tal-ajru għal safar ta' membri tal-Eżekuttiv, l-Assoċjazzjoni rċeviet żewġ proposti, waħda mill-Brittania Services u l-oħra mill-KD Travel Services. Inqraw iż-żewġ offerti li kienu qed joffru l-istess benefiċċji. Dwar biljetti b'xejn skond il-volum tal-biljetti*

[2] Dok JM1 a fol 134 tal-process
[3] Seduta tal-14 ta' April 2015

*mixtrija, il-President qal li peress li KD kienu, skond il-ftehim eżistenti, diġa qed joffru żewġ biljettu b'xejn għas-sena 2004/2005, hu ppropona illi tinkiteb ittra lil KD Travel Services sabiex jiċċara kemm hu lest li jagħti biljetti b'xejn ma' dan il-ftehim il-ġdid. Kien hemm qbil*[4].

- Jirriżulta li permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2007, il-Kumitat tar-Reġjuni informa lil OLAF li fil-kors tal-investigazzjonijiet magħmula kienet identifikat potenzjalment irregolaritajiet mid-delegazzjoni Maltija fit-talbiet għal rimbors tal-biljetti tal-ivvjaġġar sabiex il-membri jattendu l-laqgħat tal-Kumitat tar-Reġjuni u dan referebilment għall-perjodu minn Frar 2004 sa Frar 2007[5].

- Imbagħad permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Awdituri, li ukoll kienet wettqet awditjar tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-perjodu relevanti fuq imsemmi, ikkomunikat ukoll mal-OLAF biex tirrapporta l-istess kwistjoni u dan sar b'mod indipendenti mill-Kumitat tar-Reġjuni.

- F'Novembru tas-sena 2008, l-ex-Spettur Ivan Cilia jixhed[6] li l-Internal Audit Investigating Department (IAID) mar fuq is-sezzjoni tiegħu u spjegalhom li l-OLAF kienu qegħdin iwettqu investigazzjoni dwar ħlas ta' biljetti għall-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali biex jattendu laqgħat ġewwa l-Ewropa, il-maġġiorparti tal-laqgħat imsejħin tal-Kumitat tar-Regjuni. L-investigazzjoni kienet dwar suspett li l-prezz li kienet qegħda tħallas l-Unjoni Ewropeja għall-biljetti biex dawn il-membri jsiefru kien qiegħed jiġi minfuħ aktar mill-prezz veru. Is-suspett kien peress li kien qiegħed jintalab ħafna drabi ħlas ta' LM599 għal kull biljett mingħajr distinzjoni.

- F'dik l-istess sena kienet ġiet f'Malta delegazzjoni mill-OLAF u flimkien mal-pulizija, ma' Mario Debono u Chris Magri mill-IAID wettqu 2 spezzjonijiet għallarrieda wara li kien inħareġ mandat ta' perkwiżizzjoni skont il-liġi – grupp nies kienu marru l-uffiċċju tal-KD Travel f'Tas-Sliema u sabu lil Kenneth De Martino li kkopera u tahom l-informazzjoni li xtaqu. Grupp ieħor ta' nies marru fl-uffiċċji tal-Assoċjazzjoni fejn ukoll sabu koperazzjoni sħiħa. Ġew elevati diversi dokumenti mill-ufficcji rispettivi.

---

[4] Dok IA7 a fol 202 tal-proċess

[5] Ara Interim Case Report

[6] Seduta tal-10 ta' Jannar 2011

- Sussegwentement l-OLAF ippubblikat rapport li ġie mgħoddi lill-Avukat Ġenerali u eventwalment lis-sezzjoni tar-reati ekonomiċi fi ħdan il-korp tal-pulizija[7]. L-Ispettur Cilia jixhed li ġie stabilit li KD Travel Agency kienet qegħda toħroġ biljetti biex il-membri tal-Assoċjazzjoni jivvjaġġaw għal-laqgħat barra minn Malta. Meta l-membru partikolari jasal għal-laqgħa jissottometti invoice sabiex ikun jista' jitħallas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Imbagħad il-fondi tal-ispejjeż kienu jgħaddu ġo kontijiet f'bank f'Malta fil-kont indikat mill-membru. Ħafna mill-pagamenti saru fil-kont bankarju tal-Assoċjazzjoni iżda jingħad li kien hemm pagamenti li għaddew fil-kontijiet tal-membri li kienu vvjaġġaw. L-OLAF ivverifikat mal-linja tal-ajru Lufthansa u ħadu kampjun u rriżulta li kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn id-dokumenti li nġabru mill-aġenzija tal-ivvjaġġar u mill-ufficcji tal-assoċjazzjoni u l-ammonti li tħallsu effettivament. Huwa kompla li f'ħafna mill-każijiet kien qiegħed ikun hemm żewġ invoices ghall-istess vjagg ossija waħda miktuba bl-idejn u l-ohra ġġenerata mill-kompjuter u din tal-aħħar kien ikollha prezz baxx. L-invoice manwali kienet tiġi sottomessa lill-Kumitat tar-Regjuni u l-pagament isir abbazi tagħha. L-aġenzija kienet titħallas l-ammont baxx mentri l-Kumitat tar-Regjuni kien iħallas l-invoice għolja. Id-diskrepanza kienet tmur jew fil-kont tal-Assocjazzjoni jew fil-kont tal-membru personali għalkemm eventwalment l-ammont żejjed il-membru kien igħaddih lill-istess assoċjazzjoni.

- Hemm qbil ukoll li l-membri tal-assoċjazzjoni kienu ntitolati jsiefru *business class*. L-uffiċjal prosekutur xehed[8] li huwa ma vverifikax jekk il-membri tal-Assoċjazzjoni siefrux dejjem *business class* jew ġielix siefru *economy class*, iżda bħala fatt irriżultalu li setgħu jsiefru *business class*. Jidher ukoll li l-Assoċjazzjoni kellha d-dritt ukoll tirkupra spejjeż amministrattivi.

- L-uffiċjal prosekutur xehed ukoll li l-perjodu relevanti huwa mis-sena 2004 sas-sena 2008.

## Ikkunsidrat

[7] Irid jiġi rilevat li f'dan ir-rapport jissemmew persuni oħra, apparti l-imputata u imputati oħra f'kawżi li se jiġu deċiżi llum ukoll, iżda ġie deċiż li ma jittieħdux passi kontrihom.
[8] Seduta tat-2 ta' April 2012

**Frodi**

Illi l-imputat jinsab addebitat bir-reati kkontemplati fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali fuq medda ta' snin.

L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna[9].

*Fil-Liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaga li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[10].

Illi x'jikostitwixxi r-raġġiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza. Fi kliem Antolisei[11]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jgħid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[12].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

---

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et** deċiża fil-15 ta' Diċembru 2011

[10] **Pulizija ve Carmela German** AK deċiża 30.12.2004 u l-ġurisprudenza hemm kwotata.

[11] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) paġna 356

[12] Op cit pagna 357

*Il-Liġi tagħna ma tirrikjediex li l-messa in xena, ċioe dawk l-artifizji jew raġġiri, ikunu xi ħaġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet*[13].

Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[14]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut kostantement fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati tagħna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti r-reat u il-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana ir-reat u ċioe' l-użu ta' ingann jew raġġiri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deċiża fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti għamlet esposizzjoni ferm preċiża, studjata u dettaljata għar-rigward tal-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiz, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franciż (artikolu 405) avolja dan, il-Kodiċi delle Due Sicile, it-truffa kien sejħilha Frodi .....".*** *Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin.*

*Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulħadd.*

*Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu tal-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.*

---

[13] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[14] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-liġi, jew*
*b. billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq ieħor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,*
*g. jew ta' ħila*
*h. setgħa fuq ħaddieħor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddiehor.*

*…. Hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bżonn biex ikun reat taħt l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Għar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti iċċitat lill-Imħallef Ġuże Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-***

*forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi luzingi, u li tagħti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż mise-en-scene."*

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, Jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddiehor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju tal-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell li iċċittat diversi sentenzi oħra tal-qrati tagħna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqgħu invarjati fiż-żmien.*

*Illi f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deċiż illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana t-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu "* ***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi għar-rigward ta' dana l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbagħad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi għar-rigward ta' dana ir-reat, għalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija*

*bizzejjed għal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suġġett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif ġie deċiż fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu għal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raġġiri – tistax tammonta ossia twassal għar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għal qerq, ċioe' intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet għal dana t-telf min-naħa u arrikkiment min-naħa l-oħra."***

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija fit-18 ta' Novembru 2010[15]. Din l-istqarrija ġiet rilaxxjata mingħajr id-dritt ta' assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni, biss pero waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-imputat iddikjara li ma kienet se titqajjem ebda kwistjoni dwar l-istess. Infatti l-imputat fix-xhieda tiegħu kkonferma l-istess stqarrija. Għalhekk se ssir referenza għall-istess stqarrija.

L-imputat stqarr li huwa kien pensjonant. Huwa spjega li kien involut mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali meta kien diġa kunsilliet il-Mellieħa. Imbagħad ġie nominat mil-Partit tiegħu biex jikkontesta l-elezzjoni għall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kienet is-sena 1996 u dam sas-sena 2006. Huwa kkonferma li bħala membru huwa, flimkien ma' membri oħra, kien attenda diversi laqgħat tal-Kumitat tar-Reġjuni. Spjega li l-Kumitat tar-Reġjuni kien jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati ma' biljetti tal-ajru u *daily subsistence allowance.* Ir-rata tad-*daily subsistence allowance* kienet stabilita mil-Kumitat tar-Reġjuni. Spjega li huwa ma kienx membru sħiħ tal-Kumitat tar-Reġjuni iżda biss sostitut. Mistoqsi dwar kif kien isir ix-xiri u l-ħlas tal-biljetti tal-ajru, l-imputat spjega li kien sar tentativ biex ikun hemm arranġamenti mal-*airlines* fosthom AirMalta u Lufthansa iżda ma ntlaħaqx ftehim. Bħala Assoċjazzjoni ddeċidew li jinħareġ tender u din intrebħet minn KD Travel Services. Għalhekk biex jixtru l-biljetti tal-ajru, l-Assoċjazzjoni, is-segretarju u jew l-istaff li kellhom kienu jirranġaw kollox ma' din l-aġenzija. Kienu ntitolati li jivvjaġġaw *business class.* Il-Kumitat tar-Reġjuni kienet tħallas lill-Assoċjazzjoni, li min-naħa tagħha kienet tħallas lil KD Travel. Dejjem ivvjaġġaw

[15] A fol 43 et sequitur tal-proċess.

*business class.* Ikkonferma li meta kien jattendi l-laqgħat kien jippreżenta *invoice* manwali.

L-imputat mistoqsi dwar jekk hux minnu li l-ammont ta' flus li kienet tindika l-*invoice* manwali ma kienx il-prezz li fil-verita' tkun ħallset l-Assoċjazzjoni, qal li jidhirlu skont il-ftehim lis ar mal-KD Travel kellhom skont. Dan l-iskont ħaduh bħala Assoċjazzjoni u dan sar għaliex l=Assoċjazzjoni ma kellhiex biżżejjed flus biex tlaħħaq mas-safar. Kienet deċiżjoni tal-Eżekuttiv biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż u bħala membri naqssu wkoll mid-*daily subsistence allowance.* Il-flus kienu jidħlu fil-kont bankarju tal-Assoċjazzjoni u b'hekk il-flus kienu jintużaw għall-ispejjeġ kollha li kien ikollha l-Assoċjazzjoni fosthom pagi, allowances, dawl, ilma u assigurazzjoni. Kienu jagħmlu tajjeb ukoll għal xi laqgħat li kienu jattendu wkoll u fejn l-organizzaturi ma kienux iħallsy l-ispejjeż kollha relatati ma' dik l-attendenza.

Mistoqsi kienx hemm xi ftehim partikolari bejn l-Assoċjazzjoni u KD Travel biex tinħareġ *invoice* manwali, l-imputat stqarr li għalkemm ma kienx jiftakar il-kliem eżatt, it-tender ma kinitx tgħid hekk għalkemm kien hemm xi kliem fis-sens li kellhom xi benefiċċji. Jidhirlu li kien hemm ftehim li Jingħataw biljetti b'xejn skont kemm ikunu nxtraw biljetti. Bħala Assoċjazzjoni kienu qablu li jkun hemm skont u dik jeħduha bħala Assoċjazzjoni. Qal li kemm kienet iż-żieda fuq il-prezz attwali ma jafx kemm kellha tkun ir-rata. Fl-aħħarnett huwa stqarr li kien qiegħed jiskanta kif inqalgħu dawk il-problemi minkejja li l-*accounts* tal-Assoċjazzjoni kienu jiġu ċċekkjati mil-awdituri mqabbdin mid-dipartimenti tal-Gvern.

**L-imputat** xehed ukoll[16] u filwaqt li tenna li huwa pensjonant, spjega li l-involviment tiegħu fil-Kunsilli Lokali kien mil-ewwel kunsill f'Novembru tas-sena 1993. Kien ġie elett sindku u kompla għal ħmistax-il sena sħaħ membru kunsilier jew sindku. Kien Sindku tal-Mellieħa darbtejn. Huwa kien involut fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bħala Viċi-President għal għaxar snin. Bħala membri, numru minnhom kienu jmuru fil-Kumitat tar-Reġjuni u tlieta kienu jmorru fil-Kunsill tal-Ewropa. Huwa kien aktar fuq il-Kunsill tal-Ewropa għaliex kien imur ossevatur tal-elezzjonijiet f'ħafna pajjiżi f'elezzjonijiet reġjonali u lokali, iżda kien ukoll sostitut tal-President Dr Micallef fil-Kumitat tar-Reġjuni fis-sotto-kumitat tas-*sustainable*

[16] Fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2020

*development.* Dr Micallef kien membru permanenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

L-imputat ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu. Inkwantu għas-safar qal li huwa kien membru fl-Eżekuttiv u d-deċiżjoni ttieħdet bħala Eżekuttiv. Qabel kienu jtiru mal-AirMalta billi kienet tqishom bħala membri tal-Gvern u kellhom ċertu riduzzjoni fil-prezz iżda dik twaqqfitilhom. B'hekk inħareġ tender biex jinstab mezz kif is-safar jitkompla għar-raġunijiet validi u t-tender intrebaħ minn KD Travel u kien hemm arranġamenti li qablu magħhom li l-aġenzija ttik ċertu vantaġġi per eżempju jekk tagħmel numru ta' titjiriet itik wieħed b'xejn ta' membru jew ċertu riduzzjoni fil-prezzijiet.

Is-segretarju u l-istaff tal-Assoċjazzjoni kienu Jingħataw id-dettalji tas-safra u huma kienu jieħdu ħsieb joħorġu l-biljett u jagħtu s-*subsistence allowance* u l-imputat kien jiġbor kollox mingħand l-Assoċjazzjoni. Ma kienx imur KD Travel.

Mistoqsi jekk huwa kellux xi involviment fil-proċedura dwar *invoice* manwali o meno, l-imputat xehed li f'xi waħda mil-laqgħat kien ġibed l-attenzjoni tal-President Dr Micallef jekk tali proċedura setgħetx issir u Dr Micallef wieġbu fl-affermattiv. Ġie infurmat li t-tnaqqis ma kienux se jeħduh huma. Huwa stqarr li qatt ma ħa xejn. Kienet se tirċievi l-Assoċjazzjoni u qatt ma nħbew xi karti. Infatti meta saru t-tfittxijiet kollox instab. Kull sena kien hemm l-awdituri tal-Gvern. Ħadd ma ġibed l-attenzjoni. Huwa kien ġie mgħarraf minn Dr Micallef li l-Assoċjazzjoni kienet ħadet parir u l-imputat qgħad fuq il-kelma tiegħu ossija li ma kienu qegħdin iqarrqu b'ħadd. Dan il-kweżit tiegħu kienet ġiet inkluża fil-minuti tal-laqgħa. Huwa qal li huwa ma kienx jaf kif kellha tkun ir-riduzzjoni. Qatt ma ġie żvelat xi numru. Imbagħad meta marru l-awdituri għal diversi snin u ħadd ma qalilhom xejn aktar ikkonvinċa ruħu li ma kien hemm xejn ħazin.

L-imputat ressaq bħala xhud tiegħu lil **Dr Ian Micallef**[17]. Huwa kkonferma x-xhieda tiegħu li kien taha fl-14 ta' April 2015. Huwa jixhed li kien tkellem mal-awditur John Abela[18]. Dr Micallef qallu li huma bħala kunsilliera kienu intitolati li jsiefru *in full business class* u li kienu ntitolati wkoll għal spejjeż amministrattivi. Dr Micallef staqsih testwalment is-segwenti *"Jekk aħna naslu u nsibu mezz kif nikkepjaw li*

---

[17] U dan stante li l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu ntemmu definittivament.

[18] Li ttella' bhala xhud mid-difiża fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015 li kkonferma dak li xehed dwaru Dr Micallef

*aħna nġibu discount fuq il-vjaġġar tagħna u effettivament l-administrative costs tagħna jiġu kkeppjati għal dak il-valur tad-discount, inti fl-opinjoni tiegħek aħna qegħdin nagħmlu xi ħaġa ħażina?".* Il-parir li l-awditur tah kien li m'hemm assolutament xejn ħazin. B'hekk Dr Micallef mar b'din il-proposta quddiem l-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni u l-Eżekuttiv mexa ma' dik l-opinjoni.

Dr Micallef xehed li meta kienu jsiefru kienu jippreżentaw il-*boarding card* li fuqha kien hemm indikat l-ittra D (għal discount) u l-*invoice* manwali li kien ikun fiha in-numru tal-biljett u d-dettalji kollha. Apparti minn hekk id-delegat kien jircievi wkoll *daily subsistence allowance* li kienet madwar €239. B'deċiżjoni tal-eżekuttiv proprju minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-assoċjazzjoni ġie deċiż li €139 mis-*subsistence allowance* kienu jmorru għand l-Assoċjazzjoni u l-kumplament għand il-membru. Din l-allowance ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi rifuża.

Id-delegat kien ukoll apparti l-*boarding card* u l-*invoice* kien jippreżenta wkoll il-biljett tal-ajru li jkun uża.

Dan kollu sar biex isostnu l-finanzjament tal-Asoċjazzjoni. Dr Micallef spjega li s-segretarju tal-assoċjazzjoni ma setax jagħmel dak ix-xogħol kollu relatat ma safar waħdu u kien hemm il-ħtieġa li xi ħadd igħinu u daħlu ħaddiem klerikali ieħor li kien jieħu ħsieb li jara li l-biljetti jkunu ħarġu, u anki r-*reservation* tal-lukanda.

Ir-rimbors kien jidħol fil-kontijiet tal-Assoċjazzjoni. Fl-aħħar tas-sena 2007 bdew jidħlu wkoll f'ta' individwi u dan sar biex min ried jieħu dik ir-responsabilita' jara li kollox isir biex jitnaqqas il-piż fuq l-amministrazzjoni minn ġo l-Assoċjazzjoni biex din tal-aħħar tiffoka wkoll fuq affarijiet oħra li effettivament kellha tidħol fihom bħala parti mir-rwol tagħha. Inkwantu għall-kunsilliera li aċċettaw li l-flus jidħlu fil-kontijiet tagħhom w allura kienu jieħdu ħsieb kollox huma, l-ispiża amministrattiva setgħet tinżamm minnhom anki għaliex kien hemm drabi fejn dak il-kunsillier kien iqabbad lil terza persuna li għax-xogħol imwettaq kien ikollha titħallas.

Dr Micallef insista li l-*boarding pass* li kienu jippreżentaw kien ikollu 'D' fuqu li jfisser *discounted*[19].

---

[19] Dan jirriżulta mid-dokumentazzjoni eżebita

L-uffiċjal prosekutur jikkonferma wkoll in kontro-eżami li d-differenza fil-prezz spiċċat għand l-Assoċjazzjoni. Ħadd mid-delegati li kien jsiefru ma ħa xejn fil-but. Oltre dan ma jistax ma jiġix rilevat li ma tressaq ebda rappreżentant ta' bank lokali sabiex jippreżenta l-kontijiet tal-imputata sabiex jiġi verifikat dwar jekk kienx hemm xi rimborsi li rċevithom fil-kont personali tagħha u x'seta' sar minnu.

Illi abbazi tal-insenjamenti fuq riportati l-Qorti ma tqisx li gie ppruvat li jeżistu l-estremi sabiex l-imputat jinstab ħati personalment ta' din l-imputazzjoni u dan billi rriżulta li huwa ma għamel ebda qliegħ għalih personali.Partikolarment jiġi nnutat li lanqas ma ġew preżentati xi kontijiet bankarji tal-imputat minn rappreżentanti ta' banek lokali sabiex b'xi mod tiġi sostanzjata tali imputazzjoni.

Inkwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-imputazzjoni fil-kapaċita tiegħu ta' kunsillier u membru fl-Assoċjazzjoni rriżulta s-segwenti:

- Mid-dokumentazzjoni eżebita jirriżulta li għal dak li jirrigwarda l-arrangamenti tas-safar ma rriżultat ebda *email* jew komunikazzjoni oħra fejn l-imputat ikkomunika huwa nnifisu mar-rappreżentant ta' KD Travel sabiex jieħu ħsieb li jinxtara l-biljett tal-ajru tiegħu.
- L-imputat xehed li kien jieħu ħsieb is-segretarju tal-Assoċjazzjoni jew xi ħadd mill-istaff għal dak li jirrigwarda biljetti tal-ajru u affarijiet oħra konnessi mas-safar.
- Jirriżulta mill-atti li kienu qegħdin jinħarġu żewġ invoices – waħda manwali u l-oħra ġenerata mill-kompjuter. Il-prezz indikat fl-*invoices* ma kienx ikun l-istess nonostante li si trattava tal-istess titjira. Jirriżulta li l-aġent tal-ivvjaġġar kien jiġi dirett biex iniżżel bħala prezz l-ammont kollu tal-biljett tal-ajru nonostante li kien se jkun hemm xi skont fuqu. Dr Micallef isostni li d-differenza fil-prezz li kienet qegħda tiġi mitluba minghand il-Kumitat tar-Regjuni kienet tirrapreżenta spejjeż amministrattivi.
- In kontro-eżami pero Dr Micallef xehed li fl-*invoice* ppreżentata lill-Kumitat Tar-Reġjuni ma kienx hemm imniżżel li kien hemm inklużi wkoll l-ispejjeż amministrattivi iżda l-ispiża amministrattiva ġiet ikkepjata għal dak li jiswa *a full flexible business class ticket* li kienu intitolati għalih fi kwalunkwe każ.

- Waqt ix-xhieda tiegħu Dr Micallef ippreżenta Dok IM 11 ossija r-Regolament Numru 325/ 2004 intitolat *"on the refund of travel expenses and the payment of flat-rate travel and meeting allowances for*

*members and alternates of the Committee of the Regions"* kif ukoll id-Deċiżjoni Numru 367/2005 intitolata *"on the implementing provisions for Regulation No 325/2004 on the refund of travel expenses and the payment of flat-rate travel and meeting allowances for members and alternates of the Committee of the Regions"*. It-tnejn li huma daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006.

Fil-kaz tar-Regolament fl-artikolu 3(3) insibu *"Air transport expenses **actually paid**[20] shall be refunded on the basis of the cost of a ticket in the class below first class on production of the original flight ticket and borading card (at least for the outward journey). The administration shall stamp the travel document as proof of its presentation for reimbursement."*

Fid-Deċiżjoni Nru 367/05 intitolata *On the Implementing provisions for Reg No 325/2004 on the refund of travel expenses and the payment of flat-rate travel and meeting allowances for members and alternates of the Committee of the Regions,* fl-artikolu 3(3) insibu d-dettalji dwar id-dokumenti li persuna trid tippreżenta biex tikkwalifika għall-ispejjeż inkwantu għal vjaġġar bl-ajru:

*The beneficiary shall submit boarding cards covering the entire outward journey.*

*If the original boarding card for the outward journey is not submitted, the administration shall accept the original boarding card for the return journey or written confirmation from the airline.*

*If the beneficiary uses an electronic ticket, s/he shall submit the original boarding card or a statement by the airline, together with proof of electronic reservation indicating the price actually paid.*

Imbagħad fl-artikolu 5 intitolat 'other expenses' hemm provdut li *"Administrative costs arising in connection with the purchase of travel tickets shall be reimbursed on presentation of the travel agency invoice"*.

Jiġi nnutat li l-artikolu 4 tal-istess Decizjoni jipprovdi għal *flat-rate travel allowance* u l-artikolu 5 ghal *flat-rate meeting allowance* u jiġi speċifikat l-ammont applikabbli.

[20] Enfasi tal-Qorti

- Qabel dawn iż-żewġ strumenti legali kien hemm viġenti wkoll strumenti legali oħrajn li naturalment ġew emendati.

- Neil Thompson[21] xehed li skont ir-regoli tal-Kumitat tar-Regjuni li kienet tapplika fiż-żmien relevanti, il-membri kienu jiġu rimborsati tal-biljett tal-ivvjaġġar abbażi tal-ispejjeż attwalment maħruga.

- Illi kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq dak li kien qiegħed jiġri f'ħafna mill-każijiet, fl-invoice manwali kien qiegħed jintalab ammont li ma kienx l-ammont li jkun effettivament tħallas lill-aġenzija tal-ivvjaġġar. Dr Micallef isostni li din id-differenza fil-prezz kienet tirrappreżenta spejjeż amministrattivi li fl-aħħar mill-aħħar kienu intitolati għalihom.

- Din il-Qorti wara li fliet sewwa l-atti u d-dokumenti ezebiti ma taqbilx ma tali sottomissjoni fis-sens li filwaqt li huwa minnu li kien hemm dritt għall-irkupru ta' spejjeż amministrattivi, l-ammont miżjud ma kienx dejjem jirrappreżenta spejjeż amministrattivi izda diversi drabi kien mezz sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha aktar fondi a disposizzjoni tagħha sabiex ikunu jistgħu jintużaw per eżempju biex jiġi kopert il-ħlas tal-vjaġġ tas-segretarju eżekuttiv u sabiex jiġi impjegat persuna oħra biex igħin għal dak li jirrigwarda l-ivvjaġġar.

- Infatti il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ian Micallef** ikkonkludiet:

  *Dwar spejjeż amministrattivi, skont ir-regolamenti u deċiżjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni preżentati ossia l-ispejjeż amministrattivi li membri kienu intitolati għalihom kienu jirrigwardaw ix-xiri ta' biljetti tal-ivvjaġġar u għalhekk din il-Qorti interpretat dan bħala li jfisser li spejjeż amministrattivi ma kienux jinkludu dawk operattivi tal-uffiċċju tal-assoċjazzjoni. Filfatt l-artikolu 3.5 ta' 'Regulation No 024/2004 on the refund of travel expenses and the payment of flat-rate travel and meeting allowances for members and alternates of the Commiteee of the Regions' li kellha tidħol fis-seħħ mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) fl-artiklu 3.5 dwar 'Travel expenses between the officially declared place of residence or meeting venue and the railway station, airport or port' jaqra:*

[21] Investigatur fl-OLAF li hija parti mill-Kummissjoni Ewropeja għalkemm indipendenti mill-Istituzzjonijiet Ewropej li xehed fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011

*'The foregoing provisions of Article 3 shall also apply to travel expenses between the officially declared place of residence or meeting venue and the railway station, airport or port.*

*For meetings held outside Brussels, travel by taxi from the station, airport or port to the meeting venue shall exceptionally be eligible for refund upon application in writing to the Secretary-General, stating reasons and enclosing original supporting documents (in accordance with Article 10.)' Filwaqt li mill-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) 'Decision No 367/2005 on the implementing provisions for Regulation No 325/2004 on the refund of travel expenses and the aoyment of flat-rate travel and meeting allowances for members and alternates of the Committee of the Regions' dwar 'Other expenses' taqra fl-artikolu 3.5:*

*'Administrative costs arising in connection with the purchase of travel tickets shall be reimbursed on presentation of the travel agency invoice. The expenses referred to in the appendix to this decision shall also be eligible for reimbursement.'*

*Omissis*

*Illi għalhekk din il-Qorti tinterpreta dawn ir-regolamenti u deċiżjonijiet speċjalment 'Decision No 367/2005' u 'Decision No. 326' bħala li jfissru li l-membri kienu intitolati għal spejjeż amministrattivi rigwardanti ix-xiri ta' biljetti ta' vvjaġġar.*

- Din il-Qorti hawnhekk tirreferi għal dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Frar 2019 fejn qalet hekk:

  *Illi la darba din il-Qorti qieghda ssib li l-fatt li għall-istess titjira kienu jinħarġu żewġ invoices mill-aġenzija tal-ivvjaġġar, waħda miktuba bl-idejn b'ammont akbar minn dik kompjuterizzata, fejn filwaqt li l-Assoċjazzjoni kienet tħallas l-ammont li jidher fuq dik kompjuterizzata iżda kienet tippreżenta lil Kumitat tar-Regjuni dik miktuba bl-idejn, tista' titqies bħala messa in scena li waslet għal telf patrimonjali stante li l-assoċjazzjoni ġiet rimbursata aktar minn dak realment imħallas għat-titjira, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra jekk mill-atti jirriżultax id-dolo tas-suġġett attiv u l-koxjenza tal-inġustizzja tal-profit.*

- Din il-Qorti taqbel ma tali konklużjoni fis-sens li l-ħruġ ta' żewġ *invoices* għal titjira waħda, li waħda minnhom kienet tkun bl-idejn mentri l-oħra kompjuterizzata bl-ewwel waħda tkun għal ammont

ogħla mill-oħra u li tkun proprju l-*invoice* manwali li tiġi preżentata għall-ħlas *ictu oculi* hija messa in xena.

- Stabbilit dan kollu din il-Qorti tqis li jeħtieġ li jiġi kkunsidrat l-element tad-*dolo* ossija l-intenzjoni tat-truffar li huwa meħtieġ sabiex jissussisti r-reat addebitat lill-imputat. Dan billi d-difiża ssostni li dan l-element huwa mankanti. Infatti d-difiża targumenta li l-intenzjoni kienet dejjem li jkun hemm trasparenza tant li kollox ġie dokumentat.

- Illi d-difiża waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti kif presjeduta rreferiet għas-sentenza diġa surrifeta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr Ian Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq ċirkostanzi u fatti kważi identiċi. Filwaqt li fil-liġi tagħna ma teżistix ir-regola tal-preċedent, madankollu din il-Qorti ma tqisx li għandha tiskarta faċilment il-konklużjonijiet raġġunti mill-istess Qorti Kriminali u għalhekk se terġa ssir referenza għall-istess aktar 'il quddiem.

- Ġie argumentat li qabel xejn kien ittieħed parir minn awditur minn Dr Micallef, liema parir imbagħad ġie imressaq quddiem l-Eżekuttiv. Dan il-fatt juri li l-intenzjoni qatt ma kienet li jkun hemm frodi jew ingann.

- Tali parir diġa saret referenza għalih f'din is-sentenza u ġie ppruvat li l-Awditur John Abela ta parir fis-sens li *'Is-sitwazzjoni kienet tali li mid-dokumentazzjoni li kont rajt dakinhar li kienet bażikament id-direttiva tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjoni kienet li jien tajt parir, fejn għidt li wieħed għandu jutilizza l-allowance li tingħata mill-Unjoni Ewropea ovvjament ukoll li inħoss li Local Councils jew inkella anke f'dan il-każ partikolari l-Council Association, marbutin bil-Public Procurement tal-Gvern, illi fejn jistgħu jimmassimizzaw sitwazzjoni illi pereżempju jekk qegħdin jagħmlu deals mat-tour operator għandhom ukoll minħabba ovvjament il-livell ta' attivita li jkun hemm jirrikjedu illi jieħdu discount fuq transazzjonijiet li jidħlu magħhom, ma' tour operators jew inkella wkoll ma' terzi persuni.'*

- Id-difiża saħqet ħafna wkoll fuq il-fatt li l-*accounts* tal-Assoċjazzjoni kienu jiġu awditjati. Huwa minnu li l-*accounts* tal-Assoċjazzjoni kienu jiġu awditjati kif issottomettiet id-difiża iżda dan xorta ma jfissirx li l-Assoċjazzjoni kienet qegħda tkun korretta f'dak li kienet qegħda tagħmel. Ġie spjegat infatti minn Tania Mercieca mill-

Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali[22] li fiż-żmien relevanti tal-proċeduri odjerni, l-Uffiċċju kien jinkariga lil BDO biex iwettqu awditjar, u jgħaddu *Management letter* bl-informazzjoni li jkunu sabu. Kienu jittieħdu estratti mill-*management letter* u jiġu inklużi fir-rapport annwali tal-Awditur Ġenerali. Dan ir-rapport imbagħad kien jitqieghed fuq il-mejda tal-kamra tar-Rappreżentanti u jiġi ppubblikat. Stephen Attard[23] spjega wkoll li l-*audit report* kien jiġi sottomess lil NAO, lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, lill-Parlament u fl-aħħar imur quddiem il-Public Accounts Committee. Kwindi minn dan kollu jirriżulta li l-BDO kien *subcontractor* li fl-aħħar mill-aħħar kien jirrapporta lil National Audit Office.

Raymond Bonello[24], *audit partner* ma' BDO Malta, spjega li t-*terms of reference* taghhom kienu mal-NAO u kien messhom terminu ta' ħames snin li bdew mis-sena 2004 sas-sena 2008. Xehed li kienu jaraw li l-infieq mill-allokazzjoni li kien jagħti l-Gvern kien isir fil-parametri tal-liġi skont il-Financial Regulations tal-Kunsilli Lokali u li ma jkunx hemm ksur ta' regolamenti u liġi tal-Kunsilli Lokali. Spjega li kienu jigu preżentati b'sett ta' *accounts* u kienu jaraw li l-*accounts* huma kompluti (ma kienux jippreparawhom huma). Ħafna mill-Kunsilli Lokali kienu jagħtuhom *financial statements* skont it-templates. Il-liġi tistipula li s-segretarju kien responsabbli li jipprepara dawn il-*financial statements*. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienu jippreparaw *management accounts* skont it-*template* tagħhom u kellha *accountant*. Meta l-Assoċjazzjoni kienu jagħtuhom il-*financial accounts* huma kienu jieħdu kampjun tal-infieq u jaraw li qiegħed fil-parametri tal-liġi u għalhekk ma kienux jawditjaw il-figuri kollha. Dwar l-ivvjaġġar ukoll kienu jieħdu kampjun u kien jinqasam f'titjiriet, *subsistence allowance* u xi spejjeż anċillari. Ħafna mill-ispiża tal-ivvjaġġar kien jiġi rifuż minn xi istituzzjoni Ewropeja. Jixhed li huma kienu rrimarkaw għalfejn ir-rifużjoni kienet qegħda tidħol fl-*accounts* tal-LCA għaliex dawn kienu fuq bażi personali pero' ingħataw l-assigurazzjoni li LCA daħlet għar-responsabilita' li tagħmel l-infieq kollu hija u li tiġi rimbursata hija biex tissuplimenta l-allokazzjoni li tieħu mingħand il-Gvern billi r-rimbors kien ferm akbar mill-allokazzjoni tas-*subsistence allowance* li l-kunsilliera jieħdu mingħand il-Gvern. Huma m'għamlux *reconciliation* bejn l-*invoices* preżentati lill-Unjoni Ewropeja u kemm l-Assoċjazzjoni tħallset. Huma ma ċċekjawx jekk

[22] Seduta tal-15 ta' Mejju 2012
[23] Audit Manager fl-NAO li xehed fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012
[2424] Seduta tat-28 ta' Gunju 2012

l-*invoices* li kienu jgħaddu lill-aġenzija tal-Unjoni Ewropeja kienux brfl-istess *invoices*. Huma kienu jivverifikaw il-pagamenti li kien qegħdin isiru lil KD Travel. Huwa kkonferma li fir-rapporti tas-snin 2004 sa 2007 ma kien hemm ebda kwalifika fuq l-*audit reports*. Jirriżulta li fil-*Management Letter* għas-sena li kienet tispiċċa fil-31 ta' Jannar 2004[25] ġie rrimarkat is-segwenti:

*"The members are personally entitled to a pre-paid ticket for these institutions to travel to these meetings and re-imbursement of travelling allowances. The Association is not entitled to these benefits since they are not representing the Association, in their official capacity but at personal level. Notwithstanding, all members voted and chose that all arrangements are to be made through the Association, so that it could financially benefit from the re-imbursements issued and thus reduce its administrative burdens. The Association chose to make all its travel arrangements through an agency 'KD Travel Services Limited', with which it has been operating for a number of years. From correspondence dated 2002, the Agency is offering a direct 2.5% discount on all flights and two free tickets per year on Lufthansa flights, which is the most convenient carrier to fly with to the destinations which the members of the Association have to go for conferences and meetings. The turnover of flight tickets issued during the year amounted to LM39,300 from which the Association has benefited through refunds received from the E.U Commission. It is to be noted that during the year total re-imbursements amounted to LM73,229 while expenses amounted to LM69, 502 inclusive of travelling expenses which were not re-imbursable from the E.U, but a charge against the local government allocation.*

*We recommend, due to the fact that this operator has been used for a number of years, that an invitation is issued to airlines and agencies to make an 'expression of interest' and come forward with offers, in order to establish whether the Association is getting the best terms possible on the turnover of business generated. This can then be put in a 'contract of service' for a two year term or as the executive may decide".*

- F'dan l-istadju se ssir referenza wkoll għal skambju ta' korrispondenza li kien hemm bejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni, is-Sur Gerhard Stahl, u bejn Dr Ian Micallef fil-kapaċita' tiegħu ta' Presidenti tad-delegazzjoni Maltija.

---

[2525] Dok IA 12 A FOL 258 tal-proċess

- Fil-**Bidu tas-sena 2007** is-sur Stahl kiteb hekk b'referenza għal verifiki li twettqu fis-sena 2006 rigward spejjeż tal-ivvjaġġar tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, fosthom ta' dawk tad-delegazzjoni Maltija. Is-Sur Stahl kiteb hekk:

  *The verifications carried out indicate that the prices charged to the Maltese delegation for your air flights to Brussels by your travel agency exceed by far the costs currently charged in the market for such flights.*

  *Given the considerable difference in prices, I am obliged to ask you to review the travel arrangements of the Maltese delegation upon the reception of this letter.*

  *I would also be grateful if you could provide us with proof of the payments made by your delegation to your travel agency since May 2004, and with any information you may regard as useful to understand the pricing arrangements.*

- Dr Micallef wieġeb permezz ta' ittra datata **9 ta' Frar 2007** fejn spjega li kien inħareġ *tender* fil-Gazzetta tal-Gvern u dan kien intrebaħ minn KD Travel Services Limited fil-11 ta' Lulju 2005. Ma' din l-ittra ġew annessi diversi dokumenti. Huwa bagħat ittra oħra fit-13 ta' Frar 2007.

- Fl-**14 ta' Marzu 2007**, is-sur Gerhard Stahl bagħat ittra oħra lil Dr Micallef fejn kiteb li wara li l-analiżi tad-dokumentazzjoni mibgħuta kienet twettqet, kienet meħtieġa aktar informazzjoni u talab xi kjarifiki u elenka diversi punti, u infurmah ukoll li sakemm il-kjarifiki ma kienux se jiġu riżolti, ir-rimbors tal-ispejjeż relatati ma' safar tal-membri Maltin li l-arranġamenti tagħhom kienu saru ma' KD Travel bejn l-20 ta' Dicembru 2006 u d-data tal-ittra kienu sospiżi. Fl-istess ittra, is-sur Stahl elenka l-proċedura li kellha tiġi adottata minn dakinhar 'il quddiem ossija:

  (i) *The purchase of tickets via KD Travel Services Ltd should be discounted.*
  (ii) *Only tickets with a clear indication of the price on the ticket itself will be reimbursed. IT tickets will no longer be accepted.*

(iii) *Reimbursement will only take place when we dispose of all the original travel documents required under Committee of Region's reimbursement rules. In addition, original boarding cards should be presented for both legs of the roundtrip journey.*

- Fl-ittra tat-**13 ta' April 2007** minn Dr Micallef lis-Sur Stahl għalkemm taħ tweġibiet għal kweżiti imqanqla, imkien ma jissemmew spejjeż amministrattivi.

- Fit-**12 ta' Gunju 2007,** Dr Ian Micallef irċieva ittra mis-sur Stahl fejn wara li dan tal-aħħar irrefera għall-ittra mibgħuta fl-14 ta' Marzu 2007 fejn kienet intalbet aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjoni Maltija bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006, kiteb is-segwenti:

  *The documentation presented has been verified and controlled by our financial service.*

  *I am pleased to inform you that the result of these controls is positive in so far as the Association and its President and Vice-President were able to demonstrate that all invoices presented to the Committee during the period subject to the control were also effectively paid to KD Travel.*

  *On this basis, I have therefore decided to lift the suspension on reimbursements subject to the following conditions:*

  *The Association and its members should provide a statement agreeing that any future dealings with KD travel will no longer be based on the original conditions that were agreed between the Association and the travel company.*

  *Omissis*

  *The members of the Maltese delegation should continue to travel with air tickets on which the price of the ticket is clearly indicated. The expenditure should correspond to the class of the air ticket that is presented for reimbursement.*

- Fis-**6 ta' Lulju 2007,** il-President, Viċi-President u membri tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ossija Michael Cohen, Dr Ian

Micallef, Noel Formosa, Doris Borg u Claudette Abela Baldacchino bagħtu dikjarazzjomi lis-sur Stahl in ottemperanza ma' dak mitlub minnu fl-ittra tat-12 ta' Ġunju 2007.

- Fil-każ tal-imputat odjern, ir-referenza għall-iskambju ta' din il-korrispondenza ġiet inserita nonostante li l-imputat dak iż-żmien ma kienx għadu jifforma parti mill-Eżekettiv tal-Assoċjazzjoni iżda l-perjodu li dwaru saret il-korrispondenza huwa kien għadu formanti parti mill-Eżekuttiv.

- Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr Ian Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti rreferiet kemm għall-parir li kien intalab mingħand l-awditur John Abela; kif ukoll għall-fatt li l-maġġoranza tal-provi li ġew preżentati instabu fl-uffiċju tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll għand l-aġenzija tal-ivvjaġġar wara li ufficjali tal-OLAF u IAID għamlu *on the spot checks* u staqsiet *jekk persuna li jkollha l-intenzjoni li tiffroda tagħmilx it-talbiet tagħha għal awment fil-prezz li għandu jitniżżel fil-manual invoice, bil-miktub permezz ta' ittri elettroniċi u jekk iżżomx kopji tal-ittri elettroniċi fil-files tagħha? Fuq l-istess punt, tistaqsi jekk persuna li jkollha intenzjoni kriminuza, żżomx l-invoices kemm dawk miktuba bl-idejn li din il-Qorti ssejjaħ manual invoice u dik kompjuterizzata li juru ammonti differenti għall-istess titjira fil-files tal-istess assoċjazzjoni?*

  Il-Qorti tal-Appell Kriminali ġustament ukoll ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li waqt il-kontro-eżami ta' Dr Ian Micallef huwa ntalab jikkonferma ittra elettronika waħda, ossia dik datata s-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa (2005), iżda ma ntalbux kjarifiki dwar ittri elettroniċi oħra mibgħuta minnu jew mill-Assoċjazzjoni u lanqas ma ntalbet spjegazzjoni ta' dak li skont mill-atti jirriżulta li l-appellant kien bagħat bħala spjegazzjonijiet lil Gerhard STAHL fl-elfejn u sebgħa (2007) dwar prezzijiet ta' titjiriet li jinstabu f'NT2 ossia fis-seba' volum preżentat minn Neil Thompson.

  Referenza ssir ukoll għall-istess sentenzi li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza suċċitata kkwotat senjatament

  ***'Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) (Spettur Ian J. Abdilla) vs Joseph Abela (Karta tal-Identita' Nru.: 252360M) Joseph Manuel Galea (Karta tal-Identita' Nru.: 31182M)****, fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:*

*'Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun, fi profitt ingust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddiehor" ma jħallux*[26] *dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju tal-inġustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.'*

*Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***'The Police Inspector Edel Mary Camilleri V Bassam El Ammami'***[27]*, fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li: 'For the purpose of section 308, the fundamental element of this crime, consists in the intention to deceit (by any one of the reasons mentioned in that section), with a view of making a gain to the pregudice of another person. Our local courts have had occasions to examine in detail, the material element of the offence in question in its judgment on the 20th June 1997 in the names Police vs Emanuel Ellul. As for the first element, this has been described by the Italian Jurist Francesco Antolisei in the following words: "Per quanto concerne l'elemento soggettivo, e cioe' il dolo, valgono le regole generali. L'agente, quindi, deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e' infine, la realizazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente, occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato. Data la molteplicita' degli elementi necessari per l'esistenza del dolo in questo complesso reato, sussiste un ampio margine per l'errore di fatto" (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale, Vol. 1, Giuffre' (Milano), 1986, p. 303). It is necessary to point out what was held in the judgment Police (Inspector Alexandra Farrugia Mamo) vs Michael John Turner delivered on the 7th January 1998, in particular that the agent be aware of the deceit being perpetrated or of the deceitful nature of the means used.' Sentenza ta' ċertu importanza hija dik fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Charles Zahra'*[28] *fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet,*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Ottubru, 2015 (Kumpilazzjoni Nru: 455/2005)
[27] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-7 ta' April, 2009 (Numru: 900/2003)
[28] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Frar,1993

*ġie kkunsidrat li: 'F'dan l-isfond, din il-Qorti trid tiddeċiedi l-ewwel, jekk jirriżultax l-element formali tar-reat ċjoe' jekk kienx hemm l-intenzjoni da parti ta' l-imputat li jiddefrawda lill-Busuttil cjoe' jekk kellux l-intenzjoni li jipprokura is-sehem imsemmi b'ingann b'mod li dan ikun qed isir bi profitt inġust tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti diġa qalet illi huwa essenzjali li fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat, l-imputat irid jkun konxju tal-inġustizzja tal-profit. Fuq dan, din il-Qorti ħasbet fit-tul, u qegħda tasal ghal konkluzzjoni illi ghalkemm l-imputat certament kellu l-intenzjoni li jottjeni l-oġġetti tad-deheb, għaliex kellu bżonnhom biex jirhanhom mingħand l-imsemmi Busuttil u ottjenihom, permez ta' gidba, permezz ta' ingann, fl-istess hin din il-Qorti m'ihiex soddisfatta mill-asjem tal-provi, illi l-imputat f'dak il-mument kellu l-intenzjoni li jiffrodah fis-sens illi din il-Qorti, għandha dubbju ragjonevloli illi seta' jkun li l-intenzjoni tal-imputat kienet illi jottjeni dak id-deheb għaliex momentarjament kellu bżonn illi permezz tiegħu jottjeni self, pero' mhix sodisfatta illi kellu ukoll l-intenzjoni li ma jħallasx lura lil Busuttil. Dak li evidentement ġara, kien illi l-imputat ma ippretendiex, l-ewwel illi se jġib ruħu fi problemi finanzjarji li sab ruħħu fihom daqstant immedjatment, it-tieni, li probabilment immaġina li seta' jottjeni posponiment tal-pagament mingħand Busuttil peress illi kienu fl-istess negozju. Din il-Qorti bilfors trid tirreferi, kwantu jirrigwarda dan ir-reat tat-truffa, għall-mument tal-konsumazzjoni tiegħu, li ma jistax ikun ħlief dak il-mument illi fih ikkonvinċja lill-Busuttil jikkonsenjalu d-deheb imsemmi.'*

- Il-Qorti wara li qieset l-assjem tal-provi prodotti tqis li ma ġiex ippruvat oltre d-dubbju dettat mir-raġuni li l-imputat kellu d-*dolo* biex jifroda. Din il-Qorti tirreferi għal uħud mill-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom il-fatt li ttieħed parir minn awditur minn Dr Micallef u li l-accounts kienu awditjati li għalkemm fil-kors ta' dawn il-proċeduri rriżulta li ma kienux isiru ċertu verifiki, biss pero' l-fatt li l-accounts kienu anki mpoġġija fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti tat ċertu serħan il-moħħ lill-membri li l-affarijiet kienu mexjin sew[29]. Mid-dokumenti eżebiti jirriżulta li fuq kull *boarding pass* li ġie ppreżentat lill-Kumitat tar-Reġjuni kien hemm l-ittra 'D'. Ma ġiex kontradett li din l-ittra tfisser li l-biljett tal-ajru kien *discounted.* Għaldaqstant kien hemm indikazzjoni ċara li fuq il-ħlas għall-biljett tal-ajru kkonċernat kien hemm skont. Għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm tentattiv ta' xi ħabi li kien hemm skont fuq il-prezz tal-biljett tal-ajru. Setgħu saru verifiki mill-ewwel għaliex dik l-informazzjoni

[29] Din il-Qorti ma hijix konvinta li għaliex id-dokumenti ma nħbewx dan ifisser neċessarjament li ma kienx hemm *dolo*

ingħatat lill-Kumitat tar-Reġjuni mill-kunsillier partikolari. Għalhekk jekk ġiet preżentata *invoice* manwali fejn fiha kien qed jintalab il-ħlas għal *fully flexible business ticket*, mentri fil-*boarding pass* kien hemm l-ittra 'D' messu kien evidenti li l-prezz imħallas kien żgur anqas minn dak indikat.

Oltre dan l-istess imputat għamel ċert li jistaqsi dwar il-proċedura adottata u ġie assigurat li kollox kien sew. L-imputat apparti li kien biss sostitut fis-sotto-kumitat tas-*sustainable development*, huwa kien iħalli f'idejn ħaddieħor għall-arranġamenti tal-biljetti tal-ajru u tal-*invoices* manwali. Ma ġiex ippruvat li huwa b'xi mod ried jinganna.

Interessanti wkoll dak li nkiteb f'parti mill-Interim Report:

*It should be pointed out that, while members who were simply given the handwritten 'invoices' to present to the CoR for reimbursement to the LCA may have been unaware that the 'invoices' were not genuine, those members who themselves received and apparently paid the genuine KD invoices while presenting false ones for reimbursement to the CoR would seem necessarily to have known of, and been complicit in, the deception.*

Ma jistax ukoll ma jiġix sottolineat li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova minn rappreżentanti ta' banek lokali sabiex tinġieb il-prova dwar il-kontijiet tal-imputata, u d'altronde lanqas tal-Assoċjazzjoni. Naqset ukoll li tistaqsi in kontro-eżami dwar dokumentazzjoni eżebita minnha stess rigwardanti l-*invoices* u l-biljetti tal-ajru.

Għalkemm kif diġa ingħad, id-*dolo* ma ġiex ippruvat dan ma jfissirx li l-affarijiet li saru kienu korretti. Iżda hawn qegħdin fil-kamp kriminali w allura huma biss il-provi quddiem il-Qorti li jridu jiġu evalwati.

Għaldaqstant l-imputat mhux se jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Approprjazzjoni Indebita**

Illi l-imputat jinsab addebitat ukoll b'approprjazzjoni indebita fl-ammont ta' aktar minn €2,329.37 u dan fuq medda ta' snin.

L-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jistipula:

**293.** *Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati,……*

Għar-rigward tar-reat ta' mizapproprjazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** [30] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor."*

L-awtur Francesco Antolisei jikteb:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole**[31] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li :

*"[...F]il-każ ta' flus li jkunu qed jinżammu minn xi ħadd biex dawn eventwalment jiġu ritornati lil sidhom, in-nonrestituzzjoni tagħhom tista' tammonta għal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un* il-Prs*diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo.* ***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e***

[30] Deċiża fid-9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll **The Police vs Keith Arthur Mayho** deċiża fl-4 ta' Frar 2013
[31] 23 ta' Diċembru 2003

***nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.*** *Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo"*[32].

L-essenza vera ta' dan ir-reat huwa l-abbuż tal-fiduċja tal-persuna li tkun iddisponiet mill-ħaġa bħal li kieku kienet tagħha 'uti dominus', tarroga lilha nnifisha poteri li jappartjenu lis-sid u b'hekk jagħmel ħsara lill-proprjeta' ta' ħaddiehor.

L-awtur Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jgħid is-segwenti:

*"Il reato di appropriazione indebita e' perfetto colla conversione della cosa altrui inprofitto a proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."*

Illi fil-kwadru tal-fatti fuq esposti din l-imputazzjoni ma tirriżultax li ġiet ippruvata u dan billi l-elementi rikjesti sabiex tinstab reita' mhumiex kollha preżenti. Il-kwistjoni f'dan il-każ tirrivolvi ruħha dwar dritt ta' rimbors ta' flejjes li jkunu diġa tħallsu jew mill-Assoċjazzjoni jew inkella mid-delegat f'dan il-każ l-imputata. Il-flus li tħallsu mill-Kumitat tar-Regjuni **ma tħallsux taht xi titolu** hekk kif stipulat fil-liġi tagħna. Hawn ma skattatx ir-relazzjoni ta' pussessur u sid li jitkellmu dwarha l-awturi u l-ġurisprudenza. Hawn sempliċiment persuna siefret fuq xogħol u talbet rimbors tal-ispejjeż tal-vjaġġ.

[32] The Police vs Keith Arthur Mayho deċiża fl-4 ta' Frar 2013

**Kompliċita' fil-Falsifikazzjoni**

Illi l-imputat qieghed jiġi addebit bi ksur tal-artikoli 42 u 188 tal-Kodiċi Kriminali u dan billi meta diversi drabi kien isiefer u jippreżenta l-*invoice* manwali mħejjija mill-aġenzija tal-ivvjaġġar ma kienetx tirrifletti l-valur veru tal-prezz tal-biljett tal-ajru iżda kien qieghed jintalab ammont oltre mill-prezz li effettivament tħallas lill-aġenzija tal-ivvjaġġar.

Referenza ssir għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Glen Debattista**[33]

*"Illi permezz ta' l-imputazzjonijiet tlieta sa tmienja l-imputat qed jigi addebitat b'diversi forom ta' falsifikazzjoni.*

*Illi fil-fatt il-Liġi tagħna tipprovdi kemm dwar 'l hekk imsejjaħ falz materjali kif ukoll 'l hekk imsejjaħ falz ideoloġiku. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni toħroġ ċara minn dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali:*

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi falsifikat fl-essenza tiegħu, fil-każ tal-falz ideoloġiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tiegħu u ċioe fil-kontenut ideali tiegħu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[34]

*Illi f'l-istess każ hawn fuq kwotata dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideoloġiku u l-falz materjali abbraċċjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'*

*L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:*

---

[33] Deċiża fil-11 ta' Settembru, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali
[34] **Pulizija vs Paul Galea** Appell Kriminali deciż 17.10.1997.

*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato*[35].

*Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliz Kenny:*

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not. Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[36]

*Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljana msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[37]

*Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:*

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. …..As we have said…. the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is*

[35] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II paġna 606.
[36] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II paġna 161.
[37] Professur Mamo Anthony op.cit. paġna 161.

*that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered[38]."*

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat b'kompliċita' fil-falz ideoloġiku.

Abbazi tal-assjem tal-provi u insenjamenti appena riportati din il-Qorti tikkonkludi li fil-fatt l-imputat meta kien qieghed jippreżenta l-*invoice* manwali lill-Kumitat tar-Regjuni bl-indikazzjoni biss li kien il-prezz tal-biljett tal-ajru tista' titqies bħala li kien qiegħed jagħmel dikjarazzjoni falza għaliex dak il-prezz ma kienx verament jirreferi għall-prezz li kien se jithallas għat-titjira *ut sic* iżda kien hemm ammont miżjud li kien qiegħed jiġi inkluż mal-prezz għar-raġunijiet fuq indikati. Iżda jrid jiġi ppruvat li dan kien qiegħed isir xjentement, prova li ma nġabitx.

Għalhekk l-imputat mhux se jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

Dwar l-aggravanti ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali dan ma jistax jirriżulta stante li jrid ikun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija ta' xi reat preventivament.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tilliberah mill-istess.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Maġistrat**

[38] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.